



Brussell, 26 ta' Jannar 2026
(OR. en)

05206/26

LIMITE

CORLX 25
CFSP/PESC 35
RELEX 20
COEST 10
FIN 24

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet
destabilizzanti tar-Russja

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/2642
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj>.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/2642.
- (2) Fit-18 ta' Diċembru 2025 id-Delegazzjoni tal-UE għan-NU u l-OSKE fi Vjenna ppubblikat Dikjarazzjoni dwar l-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja fir-reġjun tal-OSKE. Id-Delegazzjoni tal-UE ssottolinjat li r-Russja wettqet kampanji ibridi kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha għal snin sħaħ, b'attivitajiet malizzjużi li komplew jeskalaw mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u li x'aktarx jippersistu fil-futur qrib.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizzjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu sitt persuni fiżiċi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2642 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-entrati li ġejjin jiżiedu mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/2642 taħt l-intestatura

“A. Persuni fiżiċi”:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|------|---|---|--|------------------|
| "60. | Dmitry Viktorovich GUBERNIEV (bir-Russu: Дмитрий Викторович ГУБЕРНИЕВ | Funzjoni: preżentatur tat-TV, ġurnalist, kummentatur tal-isports; konsulent għad-direttur ġenerali tal-istazzjon ta' propaganda televiżiva "Russia"; konsulent tal-Ministru għall-Ispport tal-Federazzjoni Russa | Dmitry Guberniev huwa preżentatur televiżiv Russu, ġurnalista, kummentatur sportiv, konsulent għad-direttur ġenerali tal-istazzjon ta' propaganda televiżiva "Russia", kif ukoll konsulent tal-Ministru għall-Ispport tal-Federazzjoni Russa. Guberniev huwa figura pubblika li ilu juża l-popolarità u l-influwenza tiegħu fl-isfera pubblika biex isemma' l-propaganda Russa u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fl-2014. Kien wieħed mill-preżentaturi tal-manifestazzjoni ta' propaganda b'appoġġ tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 f'Luzhniki Stadium f'Moska. Guberniev ippreżenta diversi kunċerti oħra ddedikati għall-magna tal-gwerra Russa jew għal Vladimir Putin. | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|--|------|---|---|------------------|
| | | <p>Data tat-twelid: 6.10.1974</p> <p>Post tat-twelid: Drezna, Moscow region, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> | <p>Dmitry Guberniev kien fost ir-rappreżentanti fdati ta' Vladimir Putin fl-elezzjonijiet presidenzjali tal-2024.</p> <p>Għalhekk, Dmitry Guberniev huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li jibbenefika minn azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ għal kunflitt vjolenti f'pajjiż terz.</p> | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-----|---|--|---|-----------------|
| 61. | Ekaterina Sergeevna ANDREEVA (bir-Russu: Екатерина Сергеевна АНДРЕЕВА) | Funzjoni: preżentatur tat-televiżjoni Russa, ġurnalista tal-propaganda, u editur, ilha mill-1997 il-preżentatur u l-wiċċ ewlieni tal-programm tal-aħbarijiet "Vremya" fuq "Channel One" Data tat-twelid: 27.11.1965 Post tat-twelid: Moscow, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa, Montenegrina, Hondurjana Sess: mara | Ekaterina Andreeva hija preżentatur ewlenija tal-aħbarijiet tat-televiżjoni tal-istat Russu. Ilha mill-1997 il-preżentatur u l-wiċċ ewlieni tal-programm tal-aħbarijiet "Vremya" fuq "Channel One". Andreeva regolarment ixxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u tappoġġa l-forzi armati Russi u l-hekk imsejħa "Donetsk and Luhansk People's Republics". Hija tfaħħar regolarment lir-reġim ta' Putin u xxerred id-diżinformazzjoni u l-propoganda dwar l-Ukrajna, kif ukoll dwar il-Punent. Barra minn hekk, Andreeva ppreżentat "Direct Lines" ma' Vladimir Putin darbtejn fl-2001 u fl-2007, ikkummentat dwar l-inawgurazzjoni ta' Putin fl-2004, fl-2012 u fl-2018, u anke kkummentat dwar il-parata tal-armata fid-9 ta' Mejju. Andreeva tiddikjara li tikteb l-introduzzjoni tal-artikli mingħajr edituri. Għalhekk, Ekaterina Andreeva hija responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li tibbenefika minn azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ għal kunflitt vjolenti f'pajjiż terz. | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-----|---|---|--|------------------|
| 62. | <p>Maria Eduardovna SITTEL</p> <p>(bir-Russu: Мария Эдуардовна СИТТЕЛЬ)</p> | <p>Funzjoni: preżentatur tat-televiżjoni Russa, ġurnalista tal-propaganda, u editur; ippreżentat il-programm tal-aħbarijiet "Vesti" fuq l-istazzjon televiżiv "Rossiya" mill-2001; president tal-organizzazzjoni statali pubblika tal-All-Russian "Union of Women of Russia"</p> <p>Data tat-twelid: 9.11.1975</p> <p>Post tat-twelid: Penza, Russian SFSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p> | <p>Maria Sittel hija preżentatur ewlenija tal-aħbarijiet tat-televiżjoni tal-istat Russu. Ilha l-preżentatur u l-wieċ tal-programm tal-aħbarijiet "Vesti" fuq l-istazzjon televiżiv "Rossiya" mill-2001.</p> <p>Sittel ippreżentat manifestazzjonijiet ta' propaganda fl-2022, fl-2023, fl-2024 u fl-2025 u rċeviet ammonti sinifikanti ta' flus għall-prestazzjoni tagħha. Hija lekċerer fl-Ostankino Media Institute (skola tal-propaganda Russa).</p> <p>Regolarment tfaħħar lir-reġim ta' Putin u xxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Sittel hija inkluża fil-lista ta' "1500 Warmongers" (stabbilita mill-Forum Free Russia, li huwa konferenza tal-oppożizzjoni Russa) u ppreżentat "Direct Lines" ma' Vladimir Putin fl-2015.</p> <p>Għalhekk, Maria Sittel hija responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li tibbenefika minn azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ għal kunflitt vjolenti f'pajjiż terz.</p> | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-ejenkar |
|-----|--|---|---|------------------|
| 63. | Pavel Aleksandrovich ZARUBIN (bir-Russu: Павел Александрович ЗАРУБИН) | Funzjoni: ġurnalista, kopreżentatur tal-programm "Moscow. Kremlin. Putin" fuq il-kanal "Russia 1", preżentatur, intervistatur; preżentatur ta' "Direct Line with Vladimir Putin" Data tat-twelid: 7.9.1981 Post tat-twelid: Beloretsk, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Pavel Zarubin huwa propagandist prominenti Russu b'aċċess esklużiv għall-aġenda ta' Vladimir Putin. Huwa jippreżenta l-programm "Moscow. Kremlin. Putin," fejn jintervista lil Putin u jfaħħru, filwaqt li jsejjaħlu "mexxej eċċezzjonali". Zarubin kien l-ewwel propagandist li tħalla jintervista lil Putin wara l-bidu tal-invażjoni Russa fuq skala kbira kontra l-Ukrajna. Spiss ixxerred diżinformazzjoni kontra l-Ukrajna, u jirreferi għall-gvern Ukren bħala "reġim", fost affarijiet oħra. Fl-2025, Zarubin koppreżenta wkoll l-avveniment ewlieni ta' propaganda ta' dik is-sena, "Direct Lines" ma' Vladimir Putin. Għalhekk, Pavel Zarubin huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li jibbenefika minn azzjonijiet u politiki attribwiti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ għal kunflitt vjolenti f'pajjiż terz. | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-----|---|---|---|-----------------|
| 64. | Roman Vasilyevich CHUMAKOV (bir-Russu: Роман Васильевич ЧУМАКОВ) | Funzjoni: attur u kantant Russu Data tat-twelid: 8.4.1984 Post tat-twelid: Moscow, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Roman Chumakov huwa attur u kantant. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala kbira tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa b'mod attiv l-armata Russa. Roman Chumakov spiss iżur suldati fuq il-front u jikteb kanzunetti patrijottiċi. Ifaħħar u jigglorifika pubblikament lil Vladimir Putin u jiġbor ukoll flus għall-forzi armati Russi. Chumakov jikkritika artisti li ma jappoġġawx il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Skont il-fehma tiegħu għad-dinja, ir-Russja, l-Ukrajna u l-Belarusja huma nazzjon wieħed, u jridu jerġġu jingħaqdu. Chumakov irċieva żewġ premjijiet statali minn Putin. Għalhekk, Roman Chumakov huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li jibbenefika minn azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ għal kunflitt vjolenti f'pajjiż terz. | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elekar |
|-----|--|---|--|-----------------|
| 65. | Sergey Vladimirovich POLUNIN (bir-Russu: Сергей Владимирович ПОЛУНИН) | Funzjoni: żeffien tal-ballet u attur tal-films, eks rettur ta' Sevastopol Choreography Academy Data tat-twelid: 20.11.1989 Post tat-twelid: Kherson, Ukrainian SFSR, (issa Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel | Sergey Polunin huwa żeffien tal-ballet Russu mwieled fl-Ukrajna, eks rettur ta' Sevastopol Choreography Academy, u rebbieħ ta' Presidential prize of Young Cultural Figures. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala kbira kontra l-Ukrajna, Polunin appoġġa b'mod attiv l-armata Russa, inkluż billi ta flus lill-forzi armati Russi. Huwa ħeġġeġ oħrajn biex jagħmlu l-istess. Polunin jipparteċipa fi programmi televiżivi ta' propaganda tal-Kremlin u fl-istazzjonijiet ta' bloggers tal-internet, fejn jispjega u jiddefendi fehtu dwar id-duttrina "Dinja Russa". Polunin jikkritika wkoll lill-artisti li ħarbu mir-Russja wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala kbira kontra l-Ukrajna, u jfaħħar lill-kap taċ-Ċeċenja Ramzan Kadyrov. Għalhekk, Sergey Polunin huwa responsabbli għall-implimentazzjoni, l-appoġġ u li jibbenefika minn azzjonijiet u politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdġhajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u fpajjiż terz (l-Ukrajna), permezz tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u permezz tal-appoġġ u l-ffaċilitar ta' kunflitt vjolenti fpajjiż terz. | + |

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.